MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2013

Numru 389/2011

**I LLUM 30 ta' Ottubru 2013**

Il-Pulizija
(Spettur Frankie Sammut)
vs
Lawrence Cassar

Il-Qorti,
Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta' karta ta' identita' numru 237590(M);

Akkuzat talli nhar il-21 ta' Frar 2011 ghall-habta ta' 11.10 ta' filghodu, filwaqt li kien fil-hanut imsemmi: 'Sandra's Jewellery' li jinsab fi Triq il-Mina l-Kbira gewwa l-Birgu, kkommetta serq ta' cappetta tad-deheb, liema valur jammonta ghal 2400 Euro ghad-dannu ta' Carmel Micallef, liema serq hu kkwalifikat bil-valur u bix-xorta ta' haga misruqa;

U iktar talli nhar il-21 ta' Frar 2011, xjentement f'Malta laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkiwstati b'reat u xjentement b'kull mod, indahal biex ibieghhom jew imexxiehom u dan bi ksur ta' l-Artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U iktar talli kiser Ordni ta' Probation moghtija mill-Magistrat Dr Jacqueline Padovani Grima LL.D. fil-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenza nghatat fit-18 ta' Frar 2010.

Rat in-nota tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema' sommarjament, mhux opposta;

Semghet lill-imputat jammetti l-akkuza fuq liema ammissjoni baqa' jinsisti anke wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra;

Stante din l-ammissjoni volontarja  u inkondizzjonata tal-imputat, tiddikjara u ssibu hati tal-ewwel u t-tielet imputazzjoni migjuba kontra tieghu.

Dwar it-tieni imputazzjoni, tastjeni milli tiehu konjizzjoni stante li hija in alternattiva ghall-ewwel.

Rat l-Artikolu 261(c), 267, 279(a) tal-Kap 9 u l-Artikolu 23(a) tal-Kap 446, qeghda tuza d-diskrezzjoni taghha u tapplika l-Artikolu 22 tal-Kap 446 ghal perjodu ta' sentejn millum.

Il-Qorti spjegat lill-imputat ir-responsabbiltaj iet tieghu skont is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------